MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Numru. 49/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Sammy Anthony Xerri**
**Catherine Valerie Xerri**

Kaz Numru: 49/2011

Illum 12 ta’ Gunju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Sammy Anthony Xerri,** ta’ disgha u tletin (39) sena, bin Paul u Annunzjata neé Camilleri, imwieled l-Istati Uniti tal-

Amerika, nhar l-20 ta' Frar, 1972, residenti fil-fond Xerri, Triq il-Virgi, Qala, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 112605(L),

**Catherine Valerie Xerri** neé **Said**, ta' disgha u tletin (39) sena, bint Joseph Victor Charles Said u Valerie neé Bond, imwielda Wales, nhar it-8 ta' Frar, 1972, residenti fil-fond numru Blokk B, Flat 7, Triq Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u/jew Xerri, Triq il-Virgi, Qala, Ghawdex, u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 224088(M)
akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Ottubru 2010, gewwa Café del Corso, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

a) volontarjament ghamlu hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' John Mizzi (I.D. No. 4937G).

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, l-imsemmija Sammy Anthony Xerri u Catherine Valerie Xerri jhallsu lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' April 2012 (*a fol.* 52) li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2012, l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita (*a fol.* 95).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata Catherine Valerie Xerri tixhed minn jeddha.

Rat illi l-imputat Sammy Anthony Xerri ma xehedx u anqas ressaq provi.
Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**
Illi, mill-provi akkwiziti, filwaqt li jirrizulta li z-zewg imputati kienu mizzewwgin u kienu jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni, jirrizulta wkoll li huma kienu jikru l-fond bl-isem ta' Café del Corso, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex minn ghand il-kwerelant John Mizzi. Din il-kirja kienet regolata permezz ta' kuntratt (Dok. "JM 1" – *a fol.* 43 *et seq.*). Jirrizulta wkoll li fi tmiem il-kirja, meta John Mizzi gie moghti lura c-cwievet tal-fond imsemmi, huwa sab numru ta' nuqqasijiet u hsarat fil-fond u b'konsegwenza ta' hekk sar rapport minnu lill-Pulizija u wara gew intavolati l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront taz-zewg imputati. Meta xehed John Mizzi ezebixxa numru ta' dokumenti in sostenn tar-rapport li huwa ghamel ma' PS 1407 Francis Portelli (Dok. "A" – *a fol.* 22 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 54), il-Qorti nnominat lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jezamina l-oggetti elenkati f'numru ta' dokumenti u sabiex jirrelata dwar il-hsara fl-istess oggetti, liema rapport gie pprezentat fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012 (Dok. "VC 1" – *a fol.* 74 *et seq.*). Ta' min jinnota li minkejja li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati tirrigwarda hsarat li jiswew aktar minn € 2,329.37 dawn gew ridotti, bl-intervent ghaqli u studjat tas-sur Vincent Ciliberti, bil-konsegwenza li ntlahaq ftehim bejn l-imputati u l-kwerelant li kull imputat kellu jhallas lill-kwerelant is-somma ta' seba' mija u hamsin Euro (€ 750) biex b'hekk il-kwerelant jithallas is-somma komplessiva ta' elf u hames mitt Euro (€ 1,500). *Di fatti*, din is-somma thallset *seduta stante* fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, fejn wara li sar dan il-hlas il-kwerelant ma

kellux aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-imputati u l-istess kwerelant irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qeghdin jigu akkuzati li volontarjament ghamlu hsara ghad-detriment ta' John Mizzi a bazi tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li mil-lista tal-allegati hsarat li jelenka John Mizzi fid-dokumenti li jinsabu fil-process, fosthom Dok. "C" (*a fol.* 26) u Dok. "JM 2" (*a fol.* 45), ghajr ghall-bdil tal-*counter display*, filwaqt li ma jirrizultax li uhud minnhom (mill-allegati hsarat) kienu bil-hsara, kif jirrizulta mir-rapport tas-Sur Vincent Ciliberti, ma jirrizultax li affarijiet ohra spiccaw miksura volontarjament minhabba xi hadd mill-imputati.

Illi, fir-rigward tal-*counter display*, da parte taghha l-imputata Catherine Valerie Xerri tispjega kif l-imputat Sammy Xerri kien qalilha li kien ser ikisser kollox fil-fond mikri lilhom. Tispjega kif Sammy Xerri refa' jdejh fuq tali *display*, sabbatha u konsegwentment din inkisret (*a fol.* 105). *Da parte* tieghu, l-imputat Sammy Xerri, li ma xehedx f'dawn il-proceduri, meta ttiehdet il-verzjoni tieghu minn PS 1407 Frank Portelli huwa qallu hekk: *"Nghid biss li jiena kont irrabjat hafna u kont fil-hanut ghal habta ta' xi 3.00hrs u habbat wahda idi fuq tray li kien mimli bit-twistees u nkisret il-hgiega tal-freezer. Irrid nghid li ma kelli ebda intenzjoni li nkisser din il-hgiega. Tant hu hekk li jien skuzajt ruhi ma' Catherine fuq din il-hsara li saret. Zgur li jien ma ridtx inkisrilha din il-hgiega"* (*a fol.* 17).

Illi, a bazi ta' dak li nghad fuq il-*counter display* u a bazi ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, ma jirrizultax li effettivament il-hsara fil-*counter display* giet kagunata volontarjament mill-imputat Sammy Xerri.

**Ikkunsidrat**

Illi tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li l-kwerelant irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli ma tistghax tinsab

htija fl-ebda wiehed mill-imputati ghal dak li qed jigu akkuzati bih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberhom minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------